7 ta' Ġunju, 1952.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Giuseppe Camilleri ...

**Rekwiżizzjoni — Enfitewsi.**

*Meta tiġi biex tiddeċidi jekk hemmx ir-reat ta' min naqas li jikkonsenja ċ-ċwievet ta' dar li ġiet rekwiżizzjonata, il-Qorti għandha tħares lejn l-istat ta' fatt kif kien meta ħareġ l-ordni tar-rekwiżizzjoni; għax fuq dak l-istat setgħu jimxu l-uffiċjali tal-Housing Department; u mhux lejn xi tibdil li, bi studju, ikun għamel sid il-post biex jevadi l-liġi. U għalhekk, jekk il-proprjetarju rekwiżizzjonat, wara l-ordni tar-rekwiżizzjoni, jagħti l-fond b'ċens lil ħadd ieħor, b'daqshekk ma jiġix meħlus minn dak ir-reat u mill-konsegwenzi tiegħu.*

Fuq l-imputazzjoni illi naqas li jobdi r-"requisition orders" tad-9 ta' April 1951 u tat-22 ta' Frar 1952, billi naqas

li jikkonsenja ċ-ċwievet tal-fond nru. 88, Saint Francis Street, Floriana, l-imputat ġie misjub ħati b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-31 ta' Marzu 1952, ikkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' £5, u ġie lilu ordnat li jikkonforma ruħu mal-liġi taħt penali ta' 10s. għal kull ġurnata ta' dewmien, fi żmien tmint ijiem, u l-Qorti awtorizzat ukoll lill-Pulizija li teżegwixxi dak li hu meħtieġ mil-liġi, għas-spejjeż ta' l-imputat, f'każ li fi żmien tmint ijiem hu ma jikkonformax ruħu mal-liġi;

*Kontra din is-sentenza sar appell mill-imputat;*

Ir-"requisition order" tad-9 ta' April 1951 (eżibita fol. 27) kienet tikkolpixxi fond hekk deskritt — "building 88 St. Francis Street, c/w 85 Gunlayer Street, Floriana";

Meta ġie maħruġ dan l-Order, il-korp tal-beni in kwistjoni kien jikkonsisti f'ħanut St. Francis Street, no. 88, u fi flats fuq dan il-ħanut li kellhom l-entrata tagħhom fuq Gunlayer Street nru. 85;

Hu ċar, għalhekk, li dan l-Order kien jikkomprendi l-korp kollu, kompriżi l-flats, u hekk fehem l-imputat; mhux biss għaliex fl-applikazzjoni tiegħu għar-rikostruzzjoni tal-flats hu indika l-korp beni bħala "85/86 Gunlayer Street corner with 88 Saint Francis Street", bla ma semma l-bieb St. Francis Street nru. 88A., imma anki għaliex, lil żewġ persuni li talbuh jikrilhom flat, hu qalilhom li l-flats kienu diġà rekwiżizzjonati;

L-imputat issa jippretendi li l-flats mhumiex milquta bir-"*requisition order*", *u qiegħed jibbaża ruħu fuq manuvra* li hi wisq evidenti biex wieħed jikkwalifikaha inġenjuża. Fir-rikostruzzjoni tal-flats l-imputat issopprima l-entrata antika tal-flats, li kienet iġġib in-numru 85 Gunlayer Street, billi ikkommunkaha mal-ħanut, u b'segregazzjoni ta' biċċa mill-ħanut ħoloq entrata ġdida għall-flats fuq St. Francis Street, *li l-imputat immarka bin-numru 88A., u issa qiegħed isostni* illi, peress illi l-bieb tal-flats hu dak numru 88A., St. Francis Street, allura dawn ma humiex kolpiti bl-Order;

Hu intuwitiv li l-Qorti għandha tħares lejn l-istat ta' fatt kif kien jeżisti fil-mument tal-ħruġ ta' l-Order, għax fuq dak l-istat setgħu jimxu l-uffiċjali tal-Housing Department, u ma

għandhiex tħares leju it-tibdil li, bi studju, għamel l-imputat sabiex jevadi l-effetti ta' dak l-Order;

Lanqas il-fatt li l-imputat, wara li ġie notifikat bl-Order, ikkonċeda l-flats in enfitewsi ma għandu jitħares mill-Qorti, għaliex dan hu motiv kreat mill-imputat b'fatt tiegħu "wara" l-Order. Jekk għalih hemm xi inkonvenjenti, allura "sibi imputet". Kieku l-imputat kien in bwona fede, kien ikun faċili għalih li, qabel ma jagħti ċens, jikkjarifika l-pożizzjoni tiegħu mal-Housing Department. Minflok, hu spera li jirnexxi r-ripjeg li hu adopera bi kredulità u ottimiżmu żejjed;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-terminu ta' tmint ijiem jibda jgħaddi mil-lum.